# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 7 ta' Dicembru 2017**

Rikors Guramentat Nru.  184 / 16RGM

Kawza fil-lista:  17

**F E**
**vs**
**R X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Dikjarazzjoni tal-Fatti

1. Illi l-partijiet kelllhom relazzjoni barra z-zwieg u minn dina r-relazzjoni twieled tifel jismu L E [data tat-twelid: 30 ta' Ottubru, 2005);

2. Illi l-minuri jirrisjedi ma' ommu u n-nanniet materni tal-omm (jigifieri il-buznanniet tal-minuri) fl-indirizz: 9, Madonna tal-Karmnu, Triq il-Provvidenza, Balzan u dan kif awtorizzatha taghmel b'digriet pendente lite ta' dina l-Onorabbli Qorti;

3. Illi pero` il-minuri flimkien ma' ommu damu jghixu fid-dar ta' omm ir-rikorrenti u mar-rikorrenti nnfisu sakemm il-minuri ghalaq kwazi sitt snin;

4. Illi mbaghad il-partijiet iddecidew illi ma jibqghux johorgu flimkien u l-intimata telqet flimkien mat-tifel minuri ghand in-nanniet taghha;

5. Illi r-rikorrenti kien jara lit-tifel kwazi kuljum, kien johorgu mieghu, jiehdu l-bahar u jaghmel dak kollu li wiehed jistenna minn missier;

6. Illi pero madwar tlett snin ilu, l-intimata bla spjegazzjoni ta' xejn waqqfet l-access, probabilment ghax kienet f' relazzjoni gdida;

7. Illi minn dakinhar l-intimata bdiet tivvanta allegazzjonijiet serji fuq ir-rikorrenti li minnaha tieghu beda jaqta' qalbu li xi darba jerga' jkollu l-istess relazzjoni ma' ibnu;

8. Illi r-rikorrenti sakemm kien ghadu jara lil ibnu, kien jivversa s-somma ta' €200 manteniment fix-xahar;

9. Illi meta l-access waqaf, il-manteniment waqaf ukoll u l-intimata qatt ma talbet manteniment;

10. Illi xi xhur ilu r-rikorrenti iddecieda li jitlob l-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti biex jibda jara lil ibnu;

11. Illi fir-risposta taghha l-intimata ghamlet allegazzjonijiet serji fuq ir-rikorrenti dina l-Onorabbli li wasslu lil Qorti biex tiddekreta access b'supervizjoni (u dan fuq informazzjoni inveritiera u skorretta li tat l-intimata fir-risposta taghha);

12. Illi ghaldaqstant illum jezistu digrieti pendente lite fuq l-access (b'supervizjoni li ghadu qatt ma sar minhabba li l-Agenzija Appogg ma tatx appuntamenti) u manteniment li gie ffissat fis-somma ta' €200 fix-xahar;

<u>Ir-Raguni tat-Talba</u>

1. Illi minkejja t-tentattivi li saru sabiex il-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju dwar il-kura u kustodja, residenza, manteniment u access, dan ma kienx possibli minhabba li l-intimata assolutament ma tidhirx li jrid tasal ghal ftehim bonarju, izda trid biss iccahhad lir-rikorrenti minn ibnu;

2. Illi permezz ta' Digriet datat s-27 ta’ Gunju, 2016 (digriet numru 1711/16) moghti wara li nghalqu l-proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet, ir-rikorrent gie debitament awrtorizzat illi jipprocedi bl-istanti;

3. Illi dawn il-fatti huma a konoxxenza diretta tar-rikorrenti.

<u>It-Talbiet</u>

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri L E konguntivament lill-partijiet f'dina l-kawza;

2. Tordna illi l-minuri L E jirrisjedi mal-intimata;

3. Tiffissa granet u hinijiet ghall-access bla supervizjoni tar-rikorrenti lil-konfront tal-minuri L E;

4. Tikkonferma r-retta alimentari ta' €200 fix-xahar pagabbli mir-rikorrenti lill-intimata;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li tibqa'minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

Illi ghalkemm l-esponenti taqbel ma' whud mill-premessi imressqa mir-rikorrent, hija ma taqbilx mal-allegazzjonijiet inveritieri mressqa minnu semplicement biex joskurawha;

Illi kif gja gie spjegat fir-rikors guramentat intavolat rnill-esponenti, ir-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn wara li l-intimat, b'konsegwenza ta' certi vizzjijiet li ghandu, kien fizikament u emozzjonalment vjolenti mar-rikorrenti u fil-fatt kien hemm anke okkazjonijiet fejn huwa anki heddidha bil-mewt u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza;

Illi r-rikonent ilu snin ma jara lill-ibnu u dan fuq ghazla tieghu stante li minkejja li hemm digriet ta' access taht supervizjoni, huwa qatt ma segwih u qatt m'ghamel l-isforz biex tali access jibda.

Illi iktar minn hekk jinghad li minkejja d-digriet ta' manteniment, ir-rikorrent la m'huwa jhallas manteniment ghall-ibnu u wisq anqas ghall-ispejjez edukattivi u ta' sahha tal-istess wild; li ghalhekk illum jiddependi totalment fuq l-esponenti omm;

Illi dan kollu ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza u l-esponenti qieghda minn issa tirriserva li tressaq xhieda in sostenn.

Illi fir-rigward tat-talbiet, l-esponent li ssottometti s-segwenti:

1. Illi l-esponenti qed topponi ghall-ewwel talba, li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn il-partijiet b'mod kongunt. Kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, il-partijiet m'ghandhomx relazzjoni tajba bejniethom u effettivament ftit li xejn jitkellmu; kif ben tghallimna din l-Onorabbli Qorti, fejn id-differenzi tal-partijiet ikunu irrikonciljabbli, tant li ma jaqblu dwar xejn, il-kura u l-kustodja ta' minuri dejjem tigi vestita f'idejn parti wahda jew ohra u dan dejjem fl-ahjar interess tal-wild. F'dan ir-rigward l-esponenti tirrileva illi l-minuri dejjem ghex maghha u kienet dejjem hi li kellha l-kura primarja tat-tifel. In oltre, fid-dawl tan-nuqqas ta' interess li l-attur dejjem wera fil-konfront ta' ibnu, hija ghandha tinghata l-kura u l-kustodja esklussiva tal-istess, b'dana illi l-minuri jirrisjedi maghha u tkun hi li tiehu d-decizjonijiet kollha importanti tal-istess minuri;

2. Illi l-esponenti ma topponix ghat-tieni talba u cioe' li l-minuri jghix u jirrisjedi maghha;

3. Illi l-esponetiti ma topponix ghat-tielet talba; limitatament ghall-fatt illi r-rikorrent ghandu jkollu access versu ibnu; madanakollu hi topponi li tali access ghandu b'xi mod jigi ezercitat mir-rikorrent wahdu, minghajr il-prezenza tal-Haddiema tal-Agenzija Appogg; u dana tenut kont li l-missier ilu ma jara lill-ibnu ghal snin shah u tenut kont tal-fatt li l-missier ghandu certi vizzji u anke kien vjolenti mal-esponenti anki fil-prezenza tal-istess wild;

4. Illi fic-cirkostanzi l-esponenti lanqas ma taqbel mar-raba' talba tar-rikorrent u dan stante li huwa fil-prezent la qed ihallas il-manteniment u lanqas ghal sehmu mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-esponenti tissottornetti illi l-manteniment li din l-Onorabbli Qorli ghandha tillikwida ghandu jkun iktar biex jinkludu sehem ir-rikorrent mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-wild L.

5. Illi finalment, l-esponenti qed topponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni u dana anke fid-dawl tal-fatt, illi l-partijiet ma waslux minhabba intransigenza tar-rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Digriet taghha moghti waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru 2016 fil-kawza Rikors Numru 183/2016 fl-ismijiet ***R X vs F E*** fejn ordnat illi din il-kawza tigi kjamata quddiemha u ordnat il-konnessjoni taz-zewg kawzi kif ukoll l-allegazzjoni ta' l-atti tal-medjazzjonijiet li kien hemm precedentement bejn il-partijiet;

Rat id-Digriet taghha tal-11 ta' Mejju 2017 fejn innominat a spejjez taz-zewg partijiet lill-Psikologa Klinika Carmen Sammut sabiex tipprepara rapport psikologiku dwar iz-zewg genituri u l-minuri, u taghmel rakkomondazzjonijiet lill-Qorti fl-ahjar interess tal-minuri.

Rat ukoll illi b'Digriet moghti waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2017, l-access tal-missier ghall-minuri gie sospiz;

Rat illi, fl-istess udjenza tal-11 ta' Ottubru 2017, filwaqt li awtorizzat lill-attrici thallas sehem l-konvenut mill-ispejjez peritali, iddikjarat l-istadju tal-provi maghluq b'dan li l-partijiet inghataw zmien xahar sabiex jinfurmaw jekk walsux ghal ftehim bonarju u f'kaz affermattiv jipprezentaw l-abbozz u fin-nuqqas tinghata sentenza;

Rat ir-Rapport pprezentat fis-17 ta' Settembru 2017 mill-Psikologa Klinika Carmen Sammut fil-kawza Rikors Numru 183/2016;

Rat ukoll illi minkejja d-digriet moghti waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2017 il-partijiet baqghu ma gharrfux lill-Qorti jekk waslux ghal ftehim bonarju;

Rat in-nota guramentata pprezentata mill-attrici fit-23 ta' Ottubru 2017 fil-kawza Rikors Numru 183/2016, skond kif giet awtorizzata waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2017 u rat illi l-konvenut, minkejja li nghata terminu ta' gimghatejn biex jipprezenta nota responsiva, baqa' ma ressaq ebda nota;

Rat id-digrieti l-ohra kollha;

Rat l-atti u x-xhieda kollha;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet ta' konnessjoni tal-kawzi moghti fis-17 ta' Novembru 2016 fejn gie ordnat li l-kawza fl-ismijiet inversi Rikors Numru 183/2016/RGM tinstema' flimkien mal-kawza odjerna. Ghaldaqstant issir referenza ghall-atti u ghall-provi kollha, kif ukoll ghall-konsiderazzjonijiet maghmula u ghad-decizjoni mehuda illum fil-kawza fl-ismijiet ***R X vs F E*** [Rikors Numru 183/16] li nstemghet kontestwalment ma' din il-kawza u qed tigi deciza wkoll illum.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta bil-mod kif hawn deciz:-

1. Tichad l-ewwel talba ta' l-attur illi l-kura u kustodja tal-minuri L E X tigi fdata konguntivament lill-partijiet, ghar-ragunijiet indikati taht l-intestatura "*Kura u Kustodja u Access ghall-Minuri*" fis-sentenza moghtija kontestwalment fil-kawza fl-ismijiet inversi Rikors Numru 183/2016RGM;

2. Tilqa' t-tieni talba ta' l-attur u tordna li l-minuri jirrisjedi ma' ommu l-konvenuta;

3. Tichad f'dan l-istadju t-tielet talba ghall-access bla supervizjoni ghar-ragunijiet imfissra taht l-intestatura "*Kura, Kustodja u Access ghall-Minuri*", fis-sentenza moghtija kontestwalment fil-kawza fl-ismijiet inversi Rikors Numru 183/2016RGM;

4. Tichad ir-raba' talba ta' l-attur u tordna li b'effett mil-lum il-missier ihallas lill-omm bhala manteniment ghall-minuri, is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar liema somma tinkludi l-ispejjez ordinarji tas-sahha u medicina kif ukoll l-ispejjez kollha ta' l-edukazzjoni u attivitajiet estra-kurrikolari tal-minuri, b'dan illi l-manteniment *pendente lite* ghandu jibqa' regolat bid-digrieti pendente lite. Il-manteniment hawn stabbilit jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas anke wara li l-minuri jaghlaq 18-il sena jekk jibqa' jistudja full-time u dan sakemm jaghlaq 23 sena jew item l-istudji full-time tieghu, skond liema avveniment isehh l-ewwel, kollox skond kif ordnat taht l-intestatura "*Manteniment tal-Minuri*", fis-sentenza moghtija kontestwalment fil-kawza fl-ismijiet inversi Rikors Numru 183/2016RGM;

Tordna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza inkluzi l-ispejjez tas-sessjonijiet ta' terapija professjonali li ghandu jattendi ghalihom l-istess konvenut, u l-ispejjez kollha tal-perizja kondotta mill-Psikologa Klinika Carmen Sammut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**